# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR MICHAEL MALLIA LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 18 ta' Dicembru 2001

**Numru 3**

**Avviz. numru 128/01mm**

**Atlas Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta' estera AXA Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Michael Attard Ltd abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi**

**vs**

**The Cargo Handling Company Limited u Sea Malta Company Limited jew min minnhom**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fl-20 ta' Frar 2001 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu s-somma komplessiva ta' Lm671.80 sitt mija u wiehed u sebghin lira u tmenin centezmu jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti

nominandi, rappresentanti hsarat u nuqqasijiet fil-vetturi tal-marka Peugeot appartenenti lill-assigurata taghhom u spejjez tas-survey relattiv, waqt illi dawn kienu fil-kura w il-kustodja tal-konvenuti, jew min minnhom, liema vetturi waslu Malta fuq il-bastiment Maltese Falcon fil-21 ta' Frar 2000, liema danni diga thallsu mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez legali mid-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra l-konvenuti, li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' The Cargo Handling Company Limited fejn eccepiet:

1. Illi jinkombi fuq is-socjeta' attrici li tipprova illi l-allegati danni u nuqqasijiet sehhew waqt li l-vetturi *de quo* kienu taht il-kontroll  effettiv u supervizjoni assoluta tas-socjeta' eccipjenti u li l-istess vetturi gew konsenjati lilha minghajr l-istess danni u nuqqasijiet;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta' eccipjenti mhix responsabbli ghall-allegati danni u nuqqasijiet lamentati izda dejjem qdiet l-obbligi taghha skond il-ligi;

3. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghalhekk huwa kontestat;

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' Sea Malta fejn eccepiet illi:

1. Fl-ewwel lok, l-inkompetenza tal-Qorti ratione materaie;

2. Fit-tieni lok, u fi kwalunkwe kaz, illi d-danni reklamati ma jirrizultawx mit-Tally Sheet rilevanti, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok A;

3. Fit-tielet lok, il-klawzola tal-esoneru kontenuta fil-polza tal-karigu li qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok B ghat-tenur ta' liema s-socjeta' konvenuta ma hiex responsabbli ghad-danni reklamati;

4. Fir-raba lok, it-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel eccezzjoni taghha s-socjeta' Sea Malta qieghdha teccepixxi l-inkompetenza ta' din il-Qorti *ratione materiae.* In-

nuqqas ta' inkompetenza ta' Qorti, hija kwistjoni ta' ordni pubbliku u hija wahda mill-ftit kwistjonijiet illi l-Qorti ghandha d-dover illi tqajjem *ex ufficcio*

Is-socjeta' konvenuta Sea Malta pero', ma gabet l-ebda prova jew argument in sostenn ta' din l-eccezzjoni taghha u ghalhekk il-Qorti ma tafx x'riedet tghid din l-ahhar socjeta'. Zgur illi din il-Qorti ma tara l-ebda ostakolu biex tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza, stante li l-valuri huma fil-limiti tal-kompetenza taghha.

Din il-Qorti tista tissoponi ghal liema kompetenza s-socjeta' Sea Malta qieghdha tirreferi, presumibilment ghaliex hawn si tratta kwistjoni marittima u quindi jista jaghti l-kaz illi l-Qorti tal-Magistrati mhijiex kompetenti. Apparti l-fatt, illi hemm gurisprudenza kontinwa u kostanti dwar dan il-kaz illi jmorru kontra dan illi jinghad mis-socjeta' Sea Malta. Dina tibqa' biss sopposizzjoni l-ghaliex is-socjeta' qatt ma gabet xi provi jew trattat dan il-punt. Il-Qorti ghalhekk ma jidhrilhiex illi ghandha tahli aktar zmien fuqha u tghaddi biex tichadha u tkompli bil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar il-meritu.

Irrizulta mill-provi illi fuq il-vapur *Maltese Falcon* waslu Malta konsenja ta' tmienja u tletin (38) karozza Peugeot impurtati mis-socjeta' *Michael Attard Limited*. Il-bastiment wasal Malta fil-21 ta' Frar 2000 u meta s-socjeta' *Michael Attard Limited* hadet il-konsenja tal-karozzi, sabet illi kien hemm seba (7) minnhom bil-hsara. Ghalhekk ghamlet claim mas-socjeta' attrici sabiex taghmel tajjeb ghal hsarat subiti, liema danni gew imhallsa u

b'hekk is-socjeta' attrici giet surrogata fid-drittijiet tas-socjeta' *Michael Attard Limited* u setghet tistitwixxi din il-kawza.

Skond l-avviz is-socjeta' attrici qieghdha titlob l-ammont ta' (Lm671.80) sitt mija u wiehed u sebghin lira u tmenin centezmu jew minghand is-socjeta' Sea Malta jew minghand The Cargo Handling. Fil-fatt skond it-Tally Sheets u s-surveys maghmula mis-socjeta' *Michael Attard*, bl-assistenza tal-kumpanija assikurattrici, jidhru illi hemm xi hsarat illi ghandhom ikunu ta' responsabbilta' tas-Sea Malta u ohrajn illi ghandhom ikunu ta' responsabbilta' ta' *The Cargo Handling*.

Is-*survey* sar fit-22 ta' Frar 2000 u ta' dana qed tintalab ic-cifra ta' sitta u hamsin lira (Lm56.00). Il-Qorti jidhrilha pero' li skond ix-xhieda ta' Brian Valenzia a fol 20, din l-ahhar cifra hija esagerata. Dan ix-xhud qal illi l-kumpanija assikurattrici thallas bir-rata ta' erba liri (Lm4.00) kull karozza, pero' qieghdin jinsistu biss ghal dawk il-karozzi li rrizultaw bil-hsarat. Peress illi rrizultaw seba' (7) bil-hsarat, quindi b'semplici kalkolu matematiku c-cifra tas-*survey fee* ghandha tkun ta' tmienja u ghoxrin lira (Lm28.00)  u mhux sitta u hamsin (Lm56.00).

Ghal dawk illi huma l-vetturi nvoluti, l-Qorti taghmel referenza ghall-invoice a fol 27 tal-process fejn hemm elenkati l-karozzi kollha illi kienu bil-hsara. Kif gia nghad, pero' l-hsara ghandha tkun ripartita, kwantu ghal parti lis-Sea Malta u kwantu ghal parti l-ohra lil Cargo Handling.

Il-hsarat illi ghandhom ikunu a karigu tas-Sea Malta skond it-Tally Sheet esebita minnha stess, jinvolvu c-*chassis numbers 81031710* li kellha l-erba (4) *hubcups* nieqsa (vide *tally sheet* fol 10) li jiswew wiehed u hamsin lira u hamsin centezmu (Lm51.50c), 81031710 illi kellha r-*right hand wing damaged* fl-ammont ta' mitejn u ghaxar liri (Lm210.00) u 40771888 illi kellha l-*aerial* nieqes fl-ammont ta' hames liri u hamsa u sebghin centezmu (Lm5.75c). Dana jgib total ta' mitejn u seba u sittin lira u hamsa u ghoxrin centemzu (Lm267.25c) illi ghandhom ikunu a karigu tas-Sea Malta.

Irrizulta illi hemm karozza minnhom illi hija ripurtata bil-hsarat kemm fit-*tally sheet* tas-Sea Malta, kif ukoll fis-*survey* li sar fil-*compound* tal-Cargo Handling. Dina ggib ic-chassis number 40750258 skond it-*tally sheet* li pprezentat is-Sea Malta dawna rriskontraw biss hsarat fis-sens illi kellha erba (4) *hub cups* nieqsa. Meta l-istess karozza mbaghad giet *surveyed* fil-*compound* tal-Cargo Handling, irrizulta illi dina kellha wkoll *dent fir-right rear door*, ghalhekk filwaqt il-valur tal-*hub cups* ghandu jkun a karigu tas-Sea Malta, l-valur tat-tiswija tal-ghafsa ghandu jkun a karigu tal-Cargo Handling. Ghalhekk il-vetturi li ghandhom il-hsarat a karigu tal-Cargo Handling skond ma jirrizulta mill-istess *survey* u l-*gate pass out* a fol 23 huma s-segwenti 40750258 fl-ammont ta' disa u disghin lira (Lm99.00), 40748813 fl-ammont ta' disa liri u wiehed u sittin centezmu (Lm9.61c) [*gear lever knob* nieqes] 40759415 disghin lira (Lm90) [*dent left front door] 40761830* hamsa u disghin lira (Lm95.00) *[dent right front door] 60252919* hamsa u hamsin lira (*Lm55) [dent right rear wing],* dana jgib total ta' tlett mija u

tmienja u erbghin lira u wiehed u sittin centezmu (Lm348.61c) illi ghandu jkun a krigu tal-Cargo Handling. Peress illi dawn il-hsarat gew ripartiti bejn wiehed u iehor nofs b'nofs, ikun opportun illi s-*survey fee* ukoll tkun a karigu taz-zewg konvenuti, nofs kull wiehed. Ghalhekk mac-cifri fuq imsemmija, l-Qorti ser izzid erbatax-il lira (Lm14.00) kull konvenut ghal *survey fee*. Dana jgib total ta' mitejn u wiehed u tmenin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm281.25) a karigu tas-Sea Malta u tlett mija u tnejn u sittin lira u wiehed u sittin centezmu (Lm362.61c) a karigu tal-Cargo Handling, b'total ta' sitt mija tlieta u erbghin lira u sitta u tmenin centezmu (Lm643.86c).

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenuti li jhallsuha s-somma ta' sitt mija u tlieta u erbghin lira u sitta u tmenin centezmu (Lm643.86c) kwantu ghal mitejn u wiehed u tmenin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm281.25c) mis-socjeta' konvenuta Sea Malta u tlett mija u tnejn u sittin lira u wiehed u sittin centezmu (Lm362.61c) mis-socjeta' konvenuta Cargo Handling dana rappresentanti hsarat u nuqqasijiet fil-vetturi tal-marka Peugeot appartenenti lill-assigurata tas-socjeta' attrici u spejjez tas-survey relattiv, waqt illi dawn kienu fil-kura w il-kustodja tal-konvenuti, jew min minnhom, liema vetturi waslu Malta fuq il-bastiment Maltese Falcon fil-21 ta' Frar 2000.

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenuti liema spejjez u imghaxijiet ghandhom ikunu ripartiti  kwantu ghal nofs kull wiehed mill-konvenuti.

Anthony Zammit

Dep Reg